

Lorrie Saliba, Group Scout Leader (lemin) jidher jippreżenta ċekk ta' 4676 euro lill-President ta' Malta, l-E.T. George Abela, waqt iż-żjara qasira tiegħu f'Għawdex. Jidhru wkoll Michael Grech u George Said, Kaxxier u Venture Scout Leader tal-Victoria Scout Group rispettivament

**MINN GĦAWDEX**



*ma' Charles Spiteri*



Mons Isqof Mario Grech jagħti l-messaġġ tiegħu

# Miġbura s-somma ta' €39,000 fl-Istrina minn Pjazza Indipendenza (It-Tokk)

Minn kmieni filgħodu, nhar is-Sibt 26 ta' Diċembru, 2009, fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk), fir-Rabat, Għawdex, bdiet l-attività tal-Istrina, maratona ta' ġbir ta' fondi mill-*Community Chest Fund*, għaqda taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta, bil-fondi miġbura jmorru għall-persuni u għaqdiet fil-bżonn. Għall-ewwel darba f'din l-edizzjoni tal-Istrina ma ngħatawx rigali lil dawk li taw id-donazzjonijiet tagħhom.

Bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria, intremet tinda apposta fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk).

Mons. Isqof Mario Grech deher fil-post għal aktar minn darba, jiltaqa' u jkellem lil dawk preżenti w iħeġġeġ lill-Għawdxin biex bħal drabi oħra jkunu ġenerużi ma' dawk fil-bżonn.

Għal sigħat sħaħ, minn fuq palk ippreparat apposta fil-pjazza, diversi kantanti u żeffiena pprovdew spettaklu għall-pubbliku preżenti. Kultant ħin, kien isir kollegament *live* mal-istazzjonijiet tat-televixin li kienu qegħdin ixandru trażmissjoni diretta tal-attività minn ġewwa l-ħangar tal-*Lufthansa Technik* f'Malta. Filgħaxija, il-President ta' Malta għamel żjara qasira f'Għawdex. Diversi għaqdiet inkluż il-*Victoria Scout Group* ippreżentawlu ċekkijiet b'rizq l-Istrina.



Is-Sindku tal-Belt Victoria, l-Avukat Samuel Azzopardi jinawgura l-kampanja ta' ġbir ta' fondi f'Għawdex, bil-qasma tiegħu minn fuq il-bridge

Il-*Victoria Scout Group* ħa sehem f'din l-edizzjoni tal-Istrina, billi organizza diversi attivitajiet. Matul is-sena, il-membri taw donazzjonijiet mill-*pocket money* tagħhom. Dak in-nhar tal-Istrina, l-iScouts bnew torri u pont fi Pjazza Indipendenza, (It-Tokk) ir-Rabat, Għawdex. Il-pubbliku kien mistieden jitla' fuq it-torri u jaqsam il-pont u jagħti donazzjoni b'rizq l-Istrina. Matul dan il-ħin, xi Scouts ippreparaw *friendship bracelets* li d-dħul minnhom ukoll żdied mal-fond. Scouts oħra daru fil-pjazza u fil-madwar bil-bottijiet tal-*Community Chest Fund* u komplew ġabru iktar fondi. Sa filgħaxija, il-*Victoria Scout Group* ġabar is-somma sabiħa ta' €4676. Din is-somma kompliet żdiedet fil-jiem ta' wara.

Il-jum twil li għal *Victoria Scout Group* kien beda għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħodu spiċċa għal ħabta tal-ħdax u nofs ta' billejl meta l-iScouts żarmaw it-torri u l-*bridge* u marru lura d-dar għajjenin imma sodisfatti b'dak li għamlu għax dan kien jirrifletti dak li huma jgħidu fil-Wegħda tal-iScouts: "ngħin lil ħaddieħor f'kull ħin."



Daphnie Xuereb minn Għajnsielem li tat is-sehem tagħha wkoll waqt il-kampanja ta' ġbir ta' fondi



Is-Sindki Għawdxin, Noel Formosa (San Lawrenz), Joe Cordina (Xagħra), Miriam Portelli (Nadur) u l-Avukat Samuel Azzopardi (Victoria) flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech, f'mument waqt il-kampanja ta' ġbir ta' fondi għall-Istrina



Joanne Parnis tixxabbat biex titla t-torri



Il-Grupp Folkloristiku Menħir tal-Qala waqt l-attività li ttellgħet f'Victoria

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott** - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***